MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 1012/1997/1

Rose Falzon
vs
Il-Prim Ministru ghall-Interess li jista' jkollu, id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili u l-Ministru tat-Trasport u Portijiet

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi hija ressqet il-kaz taghha kontra l-intimati, quddiem dan it-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li hija batiet, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali w diskriminazzjoni, anki politika, ta' l-intimati fil-konfront taghha.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif ser jinghad:-
Illi hija kienet applikat biex tingagga, wara sejha ghall-applikazzjonijiet, fil-korp tad-Dejma, fi Frar ta' l-1987. Hija kienet diga` maghzula u allokata bhala 'security frisker' fid-Dipartiment ta' l-Air Terminal.

Illi hija kienet damet tahdem f'dak id-Dipartiment ghal hmistax-il xahar minn Marzu 1987 sal-31 ta'Mejju 1988. Dana l-ingagg kien sehh wara li hija kellha interview minn Bord kompost mill-Maggur Joe Sultana, il-Kaptan Saliba u l-Maggur Borg Marks. Wara dina l-hatra hija kient ghamlet kors ta' tahrig ta' tlett xhur taht is-supervizjoni tal-Maggur Borg Marks.

Illi matul iz-zmien li hija kienet okkupat dina l-kariga, hija dejjem kienet qdiet dmirha b' mod ezemplari u a sodisfazzjon tas-superjuri taghha tant li dawn qatt ma lmentaw minnha. Ghall-ahhar ta' Mejju 1988 kien resaq fuqha certu Richard Farrugia, li dak in-nhar hija ma kenitx tafu, kif l-anqas ma kienu jafuh shabha u impjegati ohra, u minghajr ma kien qalilha x'awtorita` kellu, kien ordnalha biex mill-ghada tirrapporta ghax-xoghol bhala fattiga (cleaner), mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, u specifikament fl-iskola 'Fellenberg Training Centre' ta' Rahal il-Gdid.

Illi sakemm kienet ghadha impjegata fuq il-post tax-xoghol bhala Frisker, kienu qed jigu trasferiti persuni ohra minn Korpi Parastatali w ohrajn, sabiex jaghmlu l-istess xoghol li kienet qed taghmel hija. Wara t-trasferiment taghha kienu baqghu jigu trasferiti persuni ohra biex jaghmlu dan ix-xoghol. Ir-rikorrenti ddikjarat li ddahlu biex jaghmlu dan it-tip ta' xoghol tmienja u hamsin persuna. Dawna n-nies kienu minghajr ebda tip ta' kwalifika specjali jew tahrig apposta biex iservu f'dik il-kariga.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti ssottomettiet li fil-kaz taghha hija kienet sofriet diskriminazzjoni politika u batiet minhabba dana l-agir u kienet tilfet kemm finanzjarjament kif ukoll fi promozzjoni fis-servizz.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal ta' l-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, u jiddikjara li r-rikorrenti sofriet diskriminazzjoni kontra taghha peress li giet trasferita minn fuq il-post tax-xoghol taghha, u minhabba

f'hekk sofriet danni konsegwenzjali; u jillikwida l-kumpens lilha dovut minhabba tali diskriminazzjoni, u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, sabiex ihallas lir-rikorrenti dak il-kumpens hekk likwidat.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili li eccepixxa:-

Illi r-rikorrenti kienet dahlet fil-Korp tad-Dejma fis-27 ta' Frar 1987 u sussegwentement mislufa lid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili fit-13 ta' Marzu 1987. (Dok. A). Ir-rikorrenti kienet giet moghtija xoghol bhala Security Frisker imma dejjem baqghet mad-Dipartiment b'self mid-Dejma.

Minn Mejju 1988, ir-responsabbilta` ghall-amministrazzjoni ta' l-Air Terminal kienet giet f'idejn il-Manager, Air Terminal Department; f'Jannar 1992 il-Malta International Airport Limited kienet hadet f'idejha r-responsabbilta` tat-tmexxija ta' l-Air Terminal.

Deher car li d-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Ghaldaqstant, l-intimat talab li t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Ra r-risposta ta' l-intimat Prim Ministru li eccepixxa:-

Illi l-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' dan l-ilment skond l-Artiklu 181B Kap12 billi l-Kap tad-Dipartiment inkarigat mill-Korp tad-Dejma kien il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li f'din l-istess risposta qieghed jaghmel ir-risposta tieghu.

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta kellu xi jghid is-segwenti:

Illi ma kienet saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrenti minhabba xi posting li setghet nghatat meta kienet membru tal-Korp tad-Dejma. Dan hareg mill-fatt li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tad-Dejma specifikament isemmu li l-membri “jkunu mehtiega jaghmlu tahrig militari u jaghmlu kull dmirijiet ohra assenjati lilhom f'Malta u Ghawdex.”

Illi l-posting tar-rikorrent minn mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili ghal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kien sar fuq talba tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni lid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u dan irrizulta minhabba shortage of cleaning personnel fid-Dipartiment tat-talba.

Illi l-posting tar-rikorrenti bejn iz-zewg dipartimenti kien legali u mhux kif allegat ir-rikorrenti u kienet skond procedura li kienet giet stabbilita` mill-Establishments ta' dak iz-zmien skond Cirkulari ta' l-OPM numru 12/88 fejn fiha kienet specifikata l-procedura li kellha tigi mehuda mid-Dipartiment tal-Gvern biex ikunu jistghu jintalbu s-servizzi ta' membri tal-Korp tad-Dejma.

Illi l-posting tar-rikorrent minn mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili ma kienx xi wiehed uniku ghaliex fl-istess hin tal-posting tar-rikorrenti kienu saru wkoll zewg postings ohra ta' zewg membri ohra nisa minn mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili ghal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ghall-istess ghan.

Illi ma jirrizultax li r-rikorrenti kienet tilfet xi promozzjoni fis-servizz ghaliex fil-kondizzjonijiet tax-xoghol li bihom ir-rikorrenti kienet giet ingaggata fil-Korp tad-Dejma ma kien hemm xejn li jaghti xi dritt lil xi membru tad-Dejma li jigi promoss ghal xi rank iehor hlief ghar-rank ta' Private li huwa rank li wiehed kien jigi ngaggat fih.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta ta’ l-intimat Ministru ghat-Trasport u Portijiet li eccepixxa:

Illi preliminarjament huwa ma kienx jokkupa l-kariga ta’ Ministru fi zmien li ghalih jirreferi l-ilment.

Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta’ l-Artikolu 181(B) tal-Kap 12.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra
**PROVI:**
Ir-rikorrenti fl-affidavit taghha semmiet li ngaggat fil-Korp tad-Dejma wara sejha ghall-applikazzjonijiet fi Frar 1987 u kienet maghzula u allokata bhala “Security Frisker” fid-Dipartiment ta’ l-Air Terminal fejn damet tahdem sal-31 ta’ Mejju 1988. L-ingagg sar wara li kellha “interview” minn Bord kompost mill-Maggur Sultana, il-Kaptan Saliba u l-Maggur Borg Marks. Wara din l-ghazla kienet ghamlet kors ta’ tahrig ta’ tliet xhur taht is-supervizjoni tal-Maggur Borg Marks. Xogholha dejjem qdietu sewwa. Fl-1988 resaq fuqha certu Richard Farrugia, li dak iz-zmien l-anqas biss kienet tafu u kien ordnalha biex mill-ghada tirraporta ghax-xoghol bhala fattiga (cleaner) mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u specifikament fl-iskola “Fellenberg Training Centre” Paola. Ziedet tghid illi effettivament dahlu jahdmu dan it-tip ta’ xoghol tmienja u hamsin persuna li gew minn korpi statali u korpi ohrajn u dawn in-nies kienu minghajr ebda tip ta’ kwalifika specjali jew tahrig apposta biex iservu din il-kariga.

Ir-rikorrent semmiet illi mad-Dejma kellha kuntratt ta' 14-il xahar u bdiet mad-Dejma x'aktarx f'Marzu 1987.

Ghalhekk l-14-il xahar jiskadu f'Mejju 1988. Meta sar l-Air Terminal Department kienet giet trasferita, mhux gie terminat l-impieg taghha u ntbghatet l-Education Department fejn hemmhekk damet ghaxar snin, imbaghad fl-1998 marret l-MIA fuq talba taghha. Fl-Education Department kienet Charwoman dejjem fl-iskola ta’ Rahal Gdid. Kull meta hargu Calls for Applications ghal Friskers ghall-airport hi dejjem applikat pero` ma kenitx tigi maghzula. Kien fl-1998 meta hi marret l-MIA.
Meta xehed fl-affidavit tieghu Nazzareno Dimech dan semma li r-rikorrenti kienet mara efficjenti fuq xogholha u li taghti s-sehem taghha f’kull ma jigi fdat lilha.

Dawk in-nies li gew trasferiti minn Dipartimenti ohra spiccaw jaghmlu xoghol li qabel kienet taghmel Rose Falzon.

Fl-affidavit tieghu Reginald Gafa Officer mal-MIA semma li Rose Falzon kienet tahdem mad-DAC u trasferita mal-Air Terminal bhala Security Frisker, meta hu kien diga` jahdem hemmhekk. Semma li Rose Falzon hija haddiema li taghti x-xoghol taghha b’efficjenza fuq ix-xoghol fdat lilha. Zied li minn Security Frisker mad-DAC (Air Terminal) giet trasferita ghal mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u sew ftit qabel kif ukoll wara gew trasferiti nies minn diversi Dipartiment u Korpi ohra u spiccaw jaghmlu xoghol simili ghal dak li kienet taghmel Rose Falzon.

Gie prezentat affidavit ta’ John Grech li kien dahal mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili f’Mejju 1976 wara li kien gie trasferit mill-Habs ta’ Kordin fejn kien impjegat bhala ‘Prison Warden’. Semma li fl-1987, fi Frar, gew trasferiti ghal mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili diversi persuni, biex jaghmlu xoghol ta’ Security Friskers fl-Air Terminal ta’ Hal Luqa. F’Mejju 1988 bdew gejjin diversi persuni ohra li kienu impjegati ma’ certi Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet Parastatali biex jaghmlu xoghol fl-istess Air Terminal liema xoghol kienet qed taghmel bhalu r-rikorrenti u impjegati ohra.
Falzon kienet taqa’ taht is-supervizjoni tieghu fix-shift bhala “Security Frisker” u nghatat direttiva biex tirraporta

d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Meta Falzon kienet tahdem fl-Air Terminal kienet taghmel xogholha bl-akbar dedikatezza u efficjenza. Falzon kienet tithallas mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kif kien jithallas hu stess.

Xehed Richard Farrugia Management Duty Officer fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili li semma li mill-4 ta' Mejju 1988, il-kariga tieghu kienet ta' Assistant Manager fl-Air Terminal Department u qabel l-4 ta' Mejju 1988 kien impjegat mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili izda kien jahdem fl-Air Terminal Section. Dan semma li fl-4 ta' Mejju 1988 gie mwaqqaf l-Air Terminal Department. Ir-rikorrenti Rose Falzon kienet wahda mis-security friskers li kellhom mad-Dipartiment. Din dejjem qdiet dmirha sew u qatt ma kien hemm passi dixxiplinarji kontra taghha izda din ma kenitx propja impjegata tad-Dipartiment. Kienet ex-korp jew Dejma izda kienet fuq il-kotba tad-Dipartiment u mhallsa normali bhan-nies l-ohra. Hi kienet ghamlet zmien mhux hazin tahdem hemmhekk u jahseb li damet hemmhekk iktar minn sena. Imbaghad wara kienet waslet formola ta' komunikazzjoni ghal transfer fir-rigward tar-rikorrenti u dan sar.

L-ordni biex hi tigi trasferita giet moghtija lili minn superjur tieghu, u fil-fatt ma jiftakarx jekk l-ordni gietx verbalment jew bil-miktub u li l-anqas jekk gietx direttament mill-MPO. Dakinhar, apparti r-rikorrenti Rose Falzon kien hemm zewg persuni ohra li kienu hadu transfer bl-istess sistema. Friskers kienu jaqghu taht l-Awtorita` ta' l-Air Terminal Department. F'dawk il-granet tat-trasferiment tar-rikorrenti kienu dahlu friskers ohra fid-Dipartiment, madwar numru ta' nies li jammontaw ghal xi 50 li kienu friskers, porters ecc. Dawn kienu dahlu godda mad-Dipartiment. In-nies li kienu jigu trasferiti maghhom kienu assenjati mill-ufficcju tal-Prim Ministru.

Dawk li kienu jidhlu normalment kienu haddiema tal-Gvern ghalkemm kien hemm xi whud marru minn korpi parastatali. Semma li fil-lista li kien hemm ta' numru ta' nies li kienu gew, li fosthom kien hemm min ma kellhomx appointment propju kif ukoll nies ohra li gew mill-parastatali. Wara l-1991 ix-xoghol ta' security frisker min

ried jibqa' jaghmlu baqa' mal-MIA u min ma riedx jibqa' mal-MIA beda jaghmel xoghol f'Dipartiment tal-Gvern. Ir-rikorrenti kienet taghmel ix-xoghol ta' frisker fl-ajruport izda ma kellhiex l-appointment jigifieri kienet parti mid-Dejma u kienet giet ikklassifikata dak iz-zmien bhala irregolari.

Xehed Vince Farrugia Security Manager fil-Malta International Airport li ilu mal-kumpanija mill-1992. Qabel kellu l-kariga ta' Management Duty Officer tas-Civil Aviation u Air Terminal. Ghall-habta tal-1988 kienu mbidlu mid-DCA ghall-Air Terminal. Semma li r-rikorrenti kienet tahdem hemmhekk. Semma wkoll li l-istess Rose Falzon regghet giet lura fil-1996 u regghet giet ippustjata mieghu.

Xehed Joe Sultana Direttur tal-Avjazzjoni Civili u semma li mir-records jidher li t-trasferiment ta' Rose Falzon sar fl-ahhar ta' Mejju 1988. Dak iz-zmien hija kienet tidher li kienet fl-Air Terminal Department, bhala Security Frisker. Hi kienet giet trasferita fit-2 ta' Gunju 1988 ghall-Education Department, fejn saret fil-fatt riferenza ghaliha bhala Dejma 8201. Fil-fatt l-Air Terminal Department kien gie stabbilit fis-16 ta' Mejju 1988. Hu seta' jsemmi illi effettivament li dawk li kienu impjegati mal-Air Terminal Department baqghu mal-Air Terminal Department u ma gewx trasferiti.

Xehed Salvu Fenech li kien Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili minn Dicembru 1983 sa Lulju 1999 sakemm irtira. Hu gie mistoqsi dwar is-Security Friskers li kienu ex-Dejma semma li meta mar id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili kien talab lill-Ufficcju tal-Prim Ministru, ghal nies aktar, peress li kien hemm hafna nies fid-dipartiment li kienu neqsin. Ghalhekk talab biex ikun jista' jirrekluta nies godda minn barra, jew inkella jibghatulu nies minn dipartimenti ohra. Fosthom minn nies li bdew jibaghtulu kien hemm xi Friskers, inkluz nies mid-Dejma, inkuz ir-rikorrenti Rose Falzon, li kienu sabuha addattata biex taghmel dak ix-xoghol. Pero` hi xorta wahda ghalkemm kienet tahdem l-Ajruport kienet tifforma parti mid-Dejma u l-paga taghha kienet tithallas direttament mid-Dejma,

mhux mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili. Qabel Mejju 1987 id-Dejma kienet taqa' taht it-Task Force. Meta hija kienet taqa' taht id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili hi kienet taqa' taht dak id-Dipartiment fir-rigward ta' assignment of duties, leave u sick leave u kienet tigi kkunsidrata bhala impjegata tad-Dipartiment hlief ghall-fatt li hija mislufa u l-paga kienet tinghata mid-Dejma. Kien hemm hafna nies bhar-rikorrenti, mhux biss bhala Friskers, anki fi gradi ohra. F'Mejju 1988 kien gie deciz illi l-Air Terminal Department, li kien parti mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili, jinqata' u jigi dipartiment ghalih. Din kienet decizjoni mehuda mill-Gvern.

Semma li fil-kaz ta' Rose Falzon u nies ohra Friskers bhala li gew trasferiti mid-Dipartiment, li hu ma giex ikkunsultat bl-ebda mod b'din id-decizjoni. Hu ma kellux complaints dwar ix-xoghol taghhom.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta illi l-ilment tar-rikorrenti huwa minhabba l-fatt li meta hija kienet qed tahdem ta' Security Frisker fl-Ajruport giet trasferita ghal skola tal-Gvern ma' l-Education Department. Irrizulta illi r-rikorrenti kienet dahlet fil-korp tad-Dejma fis-27 ta' Frar 1987 u sussegwentement mislufa lid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili fit-13 ta' Marzu 1987 u hemmhekk kienet giet moghtija xoghol ta' Security Frisker izda jidher li dejjem baqghet mad-Dipartiment b'self mad-Dejma. Minn Mejju 1988 ir-responsabbilita` ghall-amministrazzjoni ta' l-Air Terminal giet f'idejn il-Manager Air Terminal Department u fit-2 ta' Gunju 1988 ir-rikorrenti spiccat trasferita ghal skola tal-Gvern il-Felenberg, Rahal Gdid. Fl-1992 il-Malta International Airport Limited hadet f'idejha r-responsabbilita` tat-tmexxija ta' l-Air Terminal.

L-ewwel eccezzjoni li t-Tribunal irid jezamina hija dik tal-Prim Ministru illi mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' dan l-ilment skond l-Artikolu 181B tal-Kap 12 billi l-kap tad-dipartiment inkarigat mill-korp tad-Dejma kien il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta. Diversi drabi dan it-Tribunal semma illi mkien ma jinghad li r-raprezentanza hija vestita f'idejn il-Ministru jew f'idejn il-Prim Ministru u hija

eccezzjonalment biss li tali rapprezentaza hija vestita f'Ministru koncernat bhal fil-kawzi istitwiti kontra l-PAPB jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma tat ebda raguni ghaliex il-Prim Ministru kellu jkun il-persuna intimata. Ara wkoll rikorsi 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru 1999 Mario Spiteri kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et deciz 9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar vs Ministru tas-Sigurta` Socjali 9 ta' Marzu 1999 u Joseph Farrugia kontra Ministru tas-Sahha 28 ta' Ottubru 1999. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront ta' l-Onorevoli Prim Ministru u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-istess mod u ghall-istess ragunijiet l-eccezzjoni moghtija mill-Ministru tat-Trasport u Portijiet u cioe` t-tieni wahda li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 qeda tigi milquha u ghall-istess motivi l-Ministru tat-Trasport u Portijiet qieghed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Issa huwa importani li wiehed jirrileva illi r-rikorrenti kienet membru tal-korp tad-Dejma u ghalhekk kull trasferiment li seta' sar, seta' sar fuq ordni tal-kap tad-Dipartiment inkarigat mid-Dejma li dak iz-zmien kien il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta. Dan anki gie rilevat b'mod car fin-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-30 ta' Jannar 1998 mill-Prim Ministru li tinsab a fol 11 tal-process. It-transfer irrizulta li ma giex moghti mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili izda fuq talba tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex ikollhom aktar nies, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ghamel it-transfer relattiv, wara li l-Education Department kien talab nies minhabba shortage of cleaning personnel fid-dipartiment.

Huwa importanti li jigi rilevat illi r-rikorrenti ma kellha ebda impieg regolari mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u meta haddiem ma jkollux impieg li fih dahal b'mod regolari kif tirrikjedi l-Kostituzzjoni, meta jkun dahal mal-Gvern, f'dan il-kaz id-drittijiet tieghu huma limitati ferm. Ara ghal dan ir-rigward il-kawza deciza minn dan it-Tribunal fit-30

ta’ Gunju 1999 kawza fl-ismijiet Carmel McKay kontra Bank of Valletta rikors numru 140/97.

Irrizulta wkoll illi l-posting tar-rikorrenti minn mad-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civli ghal posting mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni ma kienx l-unika wiehed li sar ghax irrizulta li kien hemm zewg nies ohra li effettivament gew trasferit fl-istess zmien. Issa r-rikorrenti allegat li saret diskriminazzjoni fil-konfront taghha.
Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Ghalhekk l-anqas ma gie pruvat ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Irid jigi rilevat ukoll illi fil-kondizzjonijiet tax-xoghol li bihom ir-rikorrenti giet ingaggata fil-korp tad-Dejma ma kien hemm xejn li jaghti xi dritt li xi membru tad-Dejma li jigi promoss ghal xi rank iehor. Illi huwa veru li meta wiehed ihares lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jista’ jinghad illi r-rikorrenti kienet sfortunata fit-trasferiment illi hadet mill-posting li kellha fl-Ajruport ghal dak tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. Izda certament ma rrizulta illi d-direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili ma ghemel ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti messha istitwiet il-kawza kontra l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati u dan irrizulta b’mod car mill-ewwel tal-kawza meta giet intavolata l-eccezzjoni li tinsab a fol 11.

B’dan mhux qieghed jinghad illi saret xi ingustizzja mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati izda pero` t-Tribunal mhuwiex sejjer jidhol b’dak l-aspett la l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati l-anqas biss huwa parti fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjonijiet moghtija.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------